NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 11 - IL-ĦAMIS, 26 TA' MEJJU 2011**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**2. IT-TRASPORT PUBBLIKU F'BIĊ**

2.1. Is-Sinj. Cuomo tat informazzjoni dwar ir-rotta tat-trasport pubbliku. Hija semmiet li kien hemm problema fid-dawra ta' fuq ta' Xatt il-Palm però, wara li għamlet il-kuntatti meħtieġa l-problema ġiet solvuta malajr.

2.2. Issemma li kien hemm xi ilmenti iżolati minn persuni li ma jridux li jgħaddi t-trasport pubbliku minn quddiemhom iżda dawn kienu infurmati li r-residenti ta' BIĊ ilhom ħafna jitolbu lill-Kunsill biex ikollhom sistema ta' trasport pubbliku u allura huwa pożittiv li se jkun hemm dan is-servizz.

**3. SKEMA TA' FINANZJAMENT GĦAL PROĠETTI SPEĊJALI**

3.1. Il-Kumitat iddiskuta Memo 55/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sur Woods semma n-nuqqas ta' qbil tiegħu għall-klawsola li titkellem fuq il-ħtieġa ta' permessi minn qabel minn entitajiet minħabba li din tagħmilha aktar diffiċli għall-Kumitat. Is-SE spjega li dik il-klawsola kienet meħtieġa għaliex id-Dipartiment ried jaċċerta li x-xogħol isir f'din is-sena stess għaliex inkella jkun hemm ir-riskju li l-fondi jintilfu. Huwa għalhekk li l-Kumitat kellu jillimita għal dawk il-proġetti li ma jeħtiġux permessi.

3.2. Is-Sur Woods semma xi ħsibijiet li kellu għall-futur u fil-bżonn li l-Kumitat jagħmel il-prijoritajiet. Kien hemm qbil li għal laqgħa oħra l-Kumitat jiġi b'ideat ta' inizjattivi u proġetti.

3.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-bżonn li titnaddaf l-art ta' maġenb il-bini tad-Dipartiment tad-Drenaġġ u għalhekk għandu jsir tentattiv biex jinstab is-sid ħalli jintalab inaddaf.

3.4. Is-Sinj. Cuomo semmiet ukoll fil-bżonn li issa li infetħet sewwa Triq l-Iskall issir f'direzzjoni waħda minħabba fil-periklu li jista' jkun hemm.

3.5. Is-SE intalab jagħmel appuntament għal laqgħa mal-Onor Mario Demarco minħabba problemi bil-permessi ta' Splash & Fun.

3.6. Isemma wkoll l-allegat periklu li hemm fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq minħabba li m'hemmx protezzjoni għas-sewwieqa. Għandu jkun ikkuntattjat Transport Malta dwar dan.

## 4. LIFE LONG LEARNING

4.1. Is-Sur Woods informa li għal laqgħa oħra se jiġi bi proposti għal programm ta' korsijiet.

## 5. KORSIJIET TAL-KOMPJUTER GĦAT-TFAL

5.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li, jekk mhux se jkun hemm mill-inqas 50 partċipant għall-korsijiet tal-kompjuter, mhux se jkun vjabbli li jitħallew il-kompjuters u jsiru korsijiet.

5.2. F'dan il-ħin tqajjem il-każ jekk hemmx biżżejjed komunikazzjoni mar-residenti minħabba li xi nies qalu li ma jkunux jafu bl-attivitajiet. Madanakollu dan jista' jkun attribwit għan-nuqqas ta' interess minn xi residenti għaliex l-informazzjoni, għalkemm dejjem hemm lok għal titjib, ma kinitx nieqsa.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-Sur Woods ippreżenta proposta li l-Kumitat iħejji rapport ta' sena ħidma u li jkun ippreżentat b'mod attraenti u professjonali. Dan ikun imqassam lir-residenti kollha. Is-Sur Woods informa li huwa kien lest li jieħu ħsieb jikkordinah kollu u semma li kien hemm min kien lest li jiffinanzjah billi jitpoġġa reklam. Kien hemm qbil li dan għandu jsir.

6.2. Is-Sur Woods semma li kellu l-idea li jinvolvi lil Baħar iċ-Ċagħaq fi proġett bl-isem *Creative Learning Community*. Dan huwa proġett pilota ta' mudell ġdid kif jitgħallmu n-nies. Il-ħsieb huwa li jkunu involuti 10 persuni minn Baħar iċ-Ċagħaq li jkunu ta' età fuq l-14-il sena. Lill-Kumitat mhux se tinvolvih spejjeż iżda huwa meħtieġ l-ispazju tal-Knisja u li jkun ikkomunikat mar-residenti, għalkemm l-ispejjeż għat-tqassim tal-materjal huwa inkluż fil-proġett. Il-ħsieb huwa li dan il-proġett isir bejn Lulju u Awwissu.

6.3. Is-Sur Woods informa wkoll li jeżistu l-opportunitajiet għal żgħażagħ biex jidħlu fi proġetti taħt il-*Youth in Action*. L-unika spejjeż li jkollhom iż-żgħażagħ huwa 30% tal-passaġġ.

6.4. Is-Sur Bonello informa li kien hemm żewġ arbli tad-dawl tat-triq fi Triq Anton Manwel Caruana li jridu jduru.

6.5. Is-Sur Bonello ssuġerixxa wkoll li terġa titħawwel palma mdaqqsa fejn qabel kien hemm palma u kienet mietet. Il-post huwa ħdejn il-propjetà tad-Dipartiment tad-Drenaġġ. Il-problema però kienet minħabba li l-art ma kinitx pubblika.

6.6. Is-Sinj. Muscat ilmentat dwar żwiemel li qed jitħallew jgħummu fil-bajja.

6.7. Is-Sur Bonello ilmenta minn klieb li qed iħallu jsegwu ż-żwiemel, naturalment mingħajr ċinga, għaliex mhux biss qed iħammġu iżda qed ikunu ta' periklu għall-pubbliku. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet se tagħmel sforz mal-*Magħtab Residents Association* biex jgħinnuha tidentifika l-istalel ħalli tkun tista' ssir komunikazzjoni magħhom b'mod aktar faċli.

6.8. Is-Sinj. Vella staqsiet fuq il-kontijiet taż-Zumba minħabba li kellha l-impressjoni li kellhom ikunu irħas. Is-SE ukoll qabel magħha u wegħda li se jindaga dwarhom.

6.9. Is-Sinj. Vella ipproponiet li jinxtraw żewġ fannijiet minħabba s-sħana li qiegħed ikun hemm waqt il-*fitness classes*. Kien hemm qbil li jinxtraw.

6.10. Is-Sinj. Cuomo fakkret fil-festa ta' Baħar iċ-Ċagħaq li tiġi ċċelebrata it-Tlieta 2 ta' Awwissu. Possibilment għandhom jinġiebu l-iscouts.

6.11. Kien hemm qbil li għandha ssir ittra ta' ringrazzjament lil Fr Chris wara li ma baqax iservi f'BIC.

6.12. Is-Sinj. Cuomo talbet stima lill-kuntrattur tal-ġonna biex tkun irranġata d-daħla ta' BIĊ minħabba li ma tinsabx fi stat tajjeb. Il-kuntrattur għandu jkun mitlub ukoll biex ipoġġi fjuri fejn il-Knisja.

6.13. Kien rappurtat li fi Triq l-Imsaqqfin hemm toqba kbira.

6.14. Is-SE informa li minħabba li kien għaddej ix-xogħol tat-Triq l-Iżbark tal-Franċiżi l-kuntrattur kien imqabbad jibni ċ-ċint ukoll. Kien hemm qbil li minbarra tan-naħa tat-triq imsemmija, iċ-ċint jitkompla wkoll fuq Triq ix-Xambekk biex b'hekk ikun jidher xogħol komplut u aktar nadif.

## 7. TMIEM IL-LAQGĦA

7.1. Kien hemm qbil unanimu li laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju fl-4:00pm.

7.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |